# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2002 .

### Citazzjoni numru : 105/1998G1(PC)

Charles Azzopardi .

vs

Francis sive Frank Axiak .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi hu kien involut fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar id-29 ta' Settembru, 1996, ghall-5.00 a.m. fi Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut stante li bi traskuragni, b'imoperizja u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa saq b'velocita' l-vettura numru ta' registrazzjoni A-9161 fuq il-karregjata opposta tat-triq tant li ma kellux waqt biex imur ghal fuq il-karreggjata tieghu appena tfacca l-attur, li kien qed isuq il-vettura tieghu Hyundai Scoop numru ta' registrazzjoni R-1191 (illum JAV-549) fuq in-naha korretta tat-triq u b'hekk sehh l-incident .

Illi b'rizultat tal-kollizjoni msemmija l-attur sofra hsarat fil-vettura tieghu fl-ammont li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000) ;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas lill-attur ghall-hsara li kkagunalu, huwa baqa' inadempjenti .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 ta' Settembru, 1996 ghall-5.00a.m. fi Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex liema incident sehh kawza tat-traskuragni, imperizja u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut ;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-incident ilmentat, anki permezz ta' hatra ta' periti nominandi kemm-il darba jkun il-kaz ;
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata .

Bl-ispejjez, inkluza dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu, 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali – kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-gurament .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi:

1. Id-domandi attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, peress illi l-esponenti ma kien involut b'ebda incident stradali mal-attur fid-29 ta' Settembru, 1997 ;
2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma wkoll infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-uniku incident illi fih kien involut l-esponenti mal-attur, fid-29 ta' Settembru, 1996, kien gara unikament tort u htija tal-attur illi kien qieghed isuq il-vettura tieghu JAV 549, dakinhar R 1191, b'manjiera perikoluza, b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u bi traskuragni kif jigi dettaljat pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-citazzjoni tal-konvenut, fejn wara li ppremetta illi:

Illi l-attur huwa responsabbli ghall-incident awtomobistiku illi sehh fid-29 ta' Settembru, 1996 bejn il-vettura A 9161 misjuqa mill-konvenut, u dik R 1191 misjuqa mill-attur fi Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex ghall-habta tal-5.00a.m. minhabba sewqan traskurat u negligenti da parti tieghu, minhabba illi huwa kien qieghed isuq il-vettura b'velocita' esagerata ghac-cirkostanzi tal-lokal, u mod iehor ma kienx qieghed josserva r-regolamenti tat-traffiku;

Illi b'rizultat tal-kollizjoni, l-konvenut sofra hsarat ingenti fil-vettura tieghu kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

Talab lill-attur jghid ghalhiex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-attur unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fid-29 ta' Settembru 1996 bejn il-vettura A 9161 misjuqa mill-konvenut, u dik R 1191 misjuqa mill-attur fi Triq tal-Ghajn, Fontana, Ghawdex ghall-habta tal-5.00a.m. ;
2. Tillikwida d-dani sofferti mill-konvenut per konsegwenza tal-imsemmi incident ;
3. Tikkunnak thallas lill-konvenut dawn id-danni hekk likwidati .

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi:

1. il-pretensjonijiet tal-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li l-htija unika tal-incident awtomobilistiku meritu tal-kwistjoni hija mputabbli lill-konvenut .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-Triq ta' l-Ghajn, Fontana, Ghawdex, bejn zewg karozzi misjuqa mill-kontendenti rispettivament, meta dawn kienu ghaddejjin kontra xulxin . Infatti l-attur kien niezel fid-direzzjoni tax-Xlendi u l-konvenut kien tiela' lejn ir-Rabat . Iz-zewg sewwieqa jsostnu li kienu qed isuqu fuq in-naha taghhom tat-triq u li kien l-iehor li nvadielu l-karreggjata tieghu . Il-habta sehhet fil-hamsa ta' filghodu (5.00 a.m.) fis-sajf, x'hin allura kien ghadu d-dlam, f'dik il-parti tat-triq quddiem l-ghejjun tal-hasselin li sserrep hafna u fejn allura l-vizwali tat-triq hija negligibbli . Fil-fatt z-zewg sewwieqa jghidu li l-ewwel li raw kien id-dawl tal-karozza l-ohra minn quddiemhom .

Is-surgent John Grima li nvestiga l-habta qal li *a tempo vergine* l-attur stqarr li: "kien qed isuq vettura R 1191 … lejn ix-Xlendi (u) malli dar mal-*blind corner*, huwa osserva vettura tiela f'nofs it-triq, u dan spicca habat go fih . Mad-daqqa huwa gie mdawwar."

Lill-konvenut kellmu l-isptar peress illi dan kien wegga' spalltu f'dan l-incident . Axiak qallu li: "kien qed isuq il-vettura tieghu mix-Xlendi lejn il-Fontana, f'daqqa wahda ra vettura misjuqa fid-direzzjoni opposta quddiemu, u habtu."

Xhieda okulari ta' dan l-incident ma jidhirx li kien hemm .

Rigward il-hsarat li garrbu l-karozzi rispettivi, s-surgent Grima jispjega illi dawn garrbu hsarat kbar; infatti l-"vettura R 1191 garrbet hsarat fil-bonnet, bumper, wind screen, xibka, fanal, u bumper ta' quddiem in-naha tal-lemin, u vettura A 9161 kienet garrbet hsarat fil-bonnett, bumper, xibka ta' quddiem, fanal u bumper ta' quddiem tal-lemin ukoll."

Ghalhekk minkejja li l-konvenut irid jaghti l-impressjoni li d-daqqa fil-karozza ta' l-attur kienet ghan-nofs taghha, jidher mid-deskrizzoni tal-hsarat moghtija mis-surgent, kif ukoll mil-istess ritratti esebiti mill-attur (Dokti. CA 4, CA 5 u CA 6 a fol. 90-91 tal-process), li l-hsarat kienu fuq il-gemb tal-lemin ta' quddiem tal-karozza tieghu .

Li skizz redatt mis-surgent Grima (Dok. JG 1 a fol. 40) jaghti indikazzjoni ta' kif sab il-vetturi in segwitu ghall-incident in kwistjoni . Il-karozza ta' l-attur (R 1191) tidher imdawra thares lejn l-Ghajn fuq in-naha l-ohra tat-triq, bil-kantuniera taghha kemm kemm taqbez il-linja medjana tat-triq . Il-

karozza tal-konvenut hija kemm kemm imdawwra, bil-parti ta' wara taghha fuq il-kareggjata ta' l-attur . Brake marks m'hemm imkien u ghalkemm ma tirrizultax *'spot of impact'* proprja, gie indikat ftit tajn (mud) taht il-*mudguard* tal-lemin tal-karozza tal-konvenut, 'l gewwa mill-linja medjana .

F'tali cirkostanzi fejn il-hsarat taz-zewg vetturi huma koncentrati fuq il-gemb tal-lemin ta' quddiem taghhom, zgur li ma kienx hemm xi *head on collision* b'karozza minnhom tinvadi kompletament il-kareggjata tal-karozza gejja mid-direzzjoni opposta . Bil-mod kif jidher fuq li skizz relattiv li spiccaw il-vetturi wara l-incident, huwa evidenti illi dik ta' l-attur, ghalkemm daret sewwa mad-daqqa, ma jistghax jinghad illi ma kienitx qabzet il-linja medjana . L-istess, filwaqt illi mhux daqshekk ovvju jekk dik ta' l-konvenut daritx xi ftit ukoll, jidher illi anke din lahqet qabzet il-linja tan-nofs . It-tajn taht il-karozza tal-konvenut mhux daqstant indikattiv li l-vettura tieghu kienet bilfors kollha kemm hi fuq il-kareggjata tieghu meta sehhet il-habta, b'tali mod li ma setghetx tfixkel lil min ikun gej mid-direzzjoni opposta .

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, jidher illi t-tnejn kemm huma kien qed isuqu kwazi *on the crown of the road* u nvadew xi ftit il-kareggjata ta' xulxin, meta kien l-obbligu taghhom, partikolarment fl-inhawi fejn sehh dan l-incident, fejn ghandek vizwali ristretta hafna, illi jzommu kemm jista' jkun fuq ix-xellug tat-triq u ma jsuqux ghan-nofs . Ir-regolamenti tat-traffiku jwissu illi: "The driver of a vehicle should keep his vehicle on the left of a continuous white line, and should not drive over, across or astride such a line (Traffic Signs & Carriage Way Markings Regs. 1969 no. 51; M.V.R. s.72) . Jahtu ghalhekk ghall-incident stradali mertu tal-kawza prezenti z-zewg kontendenti ndaqs .

Rigward id-danni li garrbu l-vetturi rispettivi, rrizulta illi l-attur kellu b'kemm jiswew elf sitt mija u tnax il-lira u tmien centemzi (Lm1612.08) spejjez biex sewwa l-karozza tieghu (ara Dokti. EM 1, EM 2, EM 3 u JV 1 u JG 1), li kollha gew korroborati bl-ircevuti rispettivi . Il-konvenut da parti tieghu qal fl-affidavit tieghu li kellu jonfoq hames mija seba' u sittin lira u seba' u tmenin centemzu (Lm567.87) biex sewwa l-karozza tieghu . L-ircevuti relattivi, ghalkemm jghid li kienu annessi ma' l-affidavit tieghu (a fol. 55), baqghu pero' qatt ma gew esebiti . Madankollu, tenut kont li s-surgent Grima stess ikkonferma li l-hsarat li garrbu z-zewg karozzi kienu kbar, u li hadd mill-kontendenti ma qajjem ebda kontestazzjoni dwarhom, il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex taccettahom bhala verosimili .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza bil-mod segwenti :

(a) ghar-rigward tac-citazjoni billi :

1. tiddikjara lill-kontendenti ugwalment responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-karozza tieghu minhabba l-istess habta, fis-somma ta' elf sitt mija u tnax il-lira maltija u tmien centezmi (LM1612.08); u
3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attur nofs is-somma hekk likwidata, u cioe' tmien mija u sitt liri maltin u sitt centezmi (Lm808.06);

(b) ghar-rigward tal-kontro-talba billi:

1. tiddikjara, kif gia nghad, lill-kontendenti ugwalment responsabbli ghal din il-kollizjoni ;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut fis-somma ta' hames mija sebgha u sittin lira maltija u seba' u tmenin centezmu (Lm567.87); u
3. konsegwentement tikkundanna lill-attur ihallas lill-istess konvenut nofs din is-somma u cioe' mitejn tlieta u tmenin lira maltija u erba' u disghin centezmu (Lm283.94) .

L-ispejjez tal-kawza, sew dik tac-citazzjoni, kif ukoll dik tal-kontro-talba, ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S10598G1(Pc)
1493